*Rilaxx ta' ħwejjeġ maqbuda; danni*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru, 2019**

**Numru 1**

**Rikors Numru 439/09TA**

**John Ellul Karta tal-identita numru 716657 (M)**

**vs**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tar-rikorrent ippreżentat fit-8 ta' Mejju 2009 li permezz tiegħu premetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi fil-bidu tas-sena 2006 l-esponent importa f'Malta vettura tal-għamla Toyota Hilux VIN: PN133JV2508002369.

2. Illi sussegwentement kien hemm opposizzjoni kemm mill-Awtorita Dwar it-Trasport kif ukoll mill-intimat sabiex l-istess vettura tiġi rreġistrata u tiġi lliċenzjata fuq isem l-esponent stante illi kienet għaddejja xi investigazzjoni mill-Pulizija Ezekuttiva dwar il-provenjenza tal-istess vettura.

3. Illi bejn il-bidu tas-sena 2006 sat-18 ta' Frar 2009 l-imsemmija vettura baqgħet fil-pussess tar-rikorrenti pero mingħajr numru ta'

reġistrazzjoni u mingħajr liċenzja u allura mingħajr il-possibilita tar-rikorrent li jagħmel użu minnha.

4. Illi fit-18 ta' Frar 2009 din il-vettura ġiet elevata mingħand ir-rikorrent u għaddiet fil-pussess tal-Kontrollur tad-Dwana u baqgħet fil-pussess tiegħu sal-lum.

5. Illi r-rikorrent ittanta jitkellem mal-Kontrollur tad-Dwana jew rappreżentant tiegħu sabiex din il-vettura tiġi rilaxxjata lill-esponent, madanakollu fit-3 ta' April 2009 il-Kontrollur tad-Dwana qabad u arbitrarjament, illegalment abbużivament, in mala fede u b'mod mhux raġjonevoli ħareġ nota ta' qbid numru 43/2009 hawn annessa u mmarkata bħala dokument A dwar din il-vettura ai termini tal-artikoli 60(b) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Illi din in-nota ta' qbid inħarġet illegalment, inġustament, b'mod abbużiv, in malafede, arbitrarju, b'mod mhux raġjonevoli u mingħajr ġustifikazzjoni legali fil-konfront tar-rikorrenti u għalhekk għandha tiġi rrevokata stante li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda ksur tal-artikolu 60(b) tal-kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u inoltre dan l-artikolu tal-liġi citat fin-nota ta' qbid relattiva ma japplikax għall-każ odjern.

7. Illi l-intimat minkejja li ġie debitament interpellat permezz ta' ittra uffiċjali mmarkata Dok B sabiex jirrilaxxja l-imsemmija vettura huwa baqa' inadempjenti.

8. Illi għal kull bon fini qed jiġi kkonfermat illi l-valur tal-vettura in kwistjoni jaċċedi l-Euro 11646.87.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi n-nota ta' qbid numru 42/2009 inħarġet illegalment, inġustament, in mala fede, b'mod mhux raġjonevoli, b'mod arbitrarju, u mingħajr ġustifikazzjoni legali effettiva fil-konfront tar-rikorrenti u bi ksur tal-artikoli 72 tal-Kap 37 u għandha tiġi rrevokata stante illi ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 60(b) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ odjern.

2. Tordna lill-intimat sabiex jirrilaxxja b'effett immedjat il-vettura tal-marka Toyota Hilux VIN: PN 133JV2508002369 a favur tar-rikorrenti.

3. Tiddikjara lill-intimat responsabbli għad-danni kollha sofferti minnu bħala konsegwenza tal-ħruġ tan-nota ta' Qbid 43/2009 fuq imsemmija u tal-azzjonijiet tiegħu sussegwentement għal tali ħruġ.

4. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mir-rikorrenti okkorrendo bl-opera tal-periti nominandi.

5. Tikkundanna lill-intimat li jħallas lir-rikorrenti kwalsiasi ammont li jiġi hekk likwidat.

Bl-ispejjes u nteressi legali kontra l-intimat li jibqa' minn issa inġunt in subizzjoni."

Rat ir-Risposta tal-intimat ippreżentata fl-1 ta' Ġunju 2009 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament jingħad li hemm tliet kawżi relatati ma' din l-istess importazzjoni ta' tliet vetturi Toyota Hilux, u ċioe dik odjerna, kif ukoll Rik 441/09RCP **Kevin Ellul vs Kontrollur tad-Dwana**, u Rik 440/09GCD **Lawrence Ellul vs Kontrollur tad-Dwana**. Peress li dawn it-tliet kawzi jirriżultaw mill-istess importazzjoni, u fihom se jitressqu l-istess provi u l-istess punti legali, ikun opportun li t-tliet kawzi jimxu flimkien u jkunu deċiżi mill-Qorti preseduta mill-istess Onorabbli Imħallef. Għalhekk l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha ssejjaħ dawn iż-żewġ kawżi quddiemha u tismagħhom u tiddeċidihom flimkien mal-kawża odjerna.

2. Illi fil-mertu n-nota ta' qbid numru 43/09 inħarġet mill-esponent skont il-liġi u dan peress li rriżulta mill-investigazzjonijiet li għamlu l-esponent u l-Kummissarju tal-Pulizija li l-vettura Toyota Hilux VIN:PN133JV2508002369 hija vettura misruqa fil-Malasja. Għalhekk bħala tali, hija oġġett ipprojbit fis-sens tal-artiklu 60(b) tal-Kap 37 u ma tistax tidħol f'Malta.

3. Illi l-esponent huwa l-awtorita' kompetenti li jikkontrolla d-dħul tal-merkanzija f'Malta u bħala tali għandu l-obbligu li jenforza kemm il-liġijiet doganali kif ukoll liġijiet oħra li jistgħu jinkisru permezz ta' importazzjoni t'oġġetti. Ċertament id-dħul f'Malta ta' oġġett misruq imur kontra l-ittra u l-ispirtu ta' diversi liġijiet u għalhekk din il-vettura ma tistax titħalla tidħol f'Malta u tkun reġistrata daqs li kieku l-provenjenza tagħha hija waħda regolari.

4. Illi mill-2006 lil hawn, il-vettura in kwistjoni kienet fil-pussess tar-rikorrent imma ssiġillata mill-esponent. Bejn dakinhar u llum, saret investigazzjoni mill-esponent u mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn irriżulta li din il-vettura kienet misruqa, liema investigazzjoni involviet kuntatti mal-Interpol ta' diversi pajjiżi. Saru wkoll diversi laqgħat bejn il-partijiet u bejn l-avukati rispettivi tagħhom.

5. Illi l-proċedura odjerna hija proċedura in rem u għalhekk li hu relevanti biss għall-fini ta' din il-kawża huwa l-oġġett innifsu. Għalhekk, anke jekk għall-grazzja tal-argument jirriżulta li l-vettura in

kwistjoni kienet misruqa qabel ġiet f'idejn ir-rikorrent, xorta waħda din il-vettura ma tistax tkun f'Malta għaliex tibqa' oġġett ipprojbit.

6. Illi rigward it-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jissottometti li ladarba din hija kawża biex timpunja qbid t'oġġett mill-esponent ai termini tal-artiklu 72 et seq tal-Kap 37, l-unika talba li tista' ssir hija għar-rilaxx tal-oġġett, u dan ai termini tal-artiklu 73(2) tal-istess Ordinanza.

7. Illi rigward it-talbiet għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, l-esponent jissottometti li dawn ma setgħux isiru f'din il-proċedura. Mingħajr preġudizzju għal dan, jgħid ukoll li f'kull każ, kwalunkwe talba għal danni kontra għemil amministrattiv, inkluż din, trid tkun deċiża fid-dawl tal-artiklu 469A tal-Kap 12, u ċioe li l-ewwel trid tkun ippruvata mala fede biex l-amministrazzjoni twieġeb għad-danni. L-esponent isostni li f'dan il-każ in-nota ta' qbid inħarget skond il-liġi u ma kien hemm l-ebda abbuż jew mala fede jew deċiżjoni arbitrarja involuta.

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontrih."

Rat l-avviż tat-13 ta' Frar 2019 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tiegħu l-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diġa mħollija għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Frar 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** Permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qed jattakka n-nota ta' qbid numru 43/2009 (a' fol 4) li permezz tagħha ġie nfurmat li l-vettura tal-għamla Toyota Hilux Vin: PN133JV2508002369 ġiet maqbuda mill-intimat.

**2.** Din il-vettura ġiet akkwistata mir-rikorrent mingħand id-ditta G.K. Motors ġewwa Dubai. Ma din il-vettura, żewġ vetturi oħra ukoll tal-għamla Toyota Hilux ġew bl-istess mod akkwistati min ħu r-rikorrent Lawrence Ellul u ibnu Kevin Ellul. Dawn il-vetturi ġew ukoll maqbuda mill-intimat u jiffurmaw il-mertu tal-proċeduri għar-rilaxx u d-danni, Rikorsi numri 440/2009 u 441/2009.

**3.** It-tlett vetturi hekk akkwistati mir-rikorrent, ħuh u ibnu ġew impurtati u ddaħħlu f'Malta flimkien. Għalkemm kif ingħad dawn jiffurmaw il-mertu ta' tlett proċeduri separati, il-fatti marbutin mal-istess huwa identiku.

**4.** Il-vettura akkwistata mir-rikorrent waslet Malta lejn l-aħħar tas-sena 2005 u l-bidu tas-sena 2006. Hija ngħatat it-timbru tar-rilaxx mill-Awtoritá Dwar it-Trasport (ADT) fis-16 ta' Jannar 2006 (ara Dok A a' fol 38). Skont l-uffiċjal tal-ADT Brian Farrugia, ir-rilaxx tal-vetturi nħareġ "għax mid-dokumenti li kienu provdew is-sinjuri jirriżulta li kollox sewwa" (ara fol 59). Jirriżulta mix-xhieda tal-uffiċjal imsemmi, kif suffragata minn dik tal-ispettur Stephen Mallia, li dawn id-dokumenti ġew spezzjonati u ttimbrati

mill-pulizija fid-9 ta' Jannar 2006 (ara xhieda Brian Farrugia a' fol 59 u xhieda Spettur Stephen Mallia a' fol 71).

**5.** Brian Farrugia żied jgħid li t-tlett vetturi ġew rilaxxjati kontra garanzija bankarja fl-ammont komplessiv ta' LM12,000 (ara fol 60). Skont l-istess uffiċċjal, iċ-ċekkijiet relattivi li ġew depożitati għal kull waħda mit-tlett vetturi huwa ta' LM3,600 (ara fol 61). Jirriżulta minn din ix-xhieda li permezz ta' dokument datat ħdax il-xahar wara preċiżament fid-9 ta' Novembru 2006, il-Pulizija iddikjarat:

"... *li m'hemmx foul play, il-pulizija qed jgħidulna li waqt l-inspection li għamlu fuq dawn it-tlett vetturi ma sabu l-ebda tempering.*

**Il-Qorti**: *X'data jġib dak id-dokument, 10 ta' Jannar?* **Xhud:** *9 ta' Novembru 2006*...

**Dr. Beppe Fenech Adami:** *U għandek dikjarazzjoni ta' ittra minn naħa tal-pulizija, x'qed jgħidu?*

**Xhud:** *Fejn qegħdin jgħidu illi huma waqt li kellhom meeting mad-direttorat u li ġew imoratati dawn it-tlett vetturi ma sabu l-ebda tempering fihom minn naħa tagħhom u ma hemm l-ebda criminal liability li tista' tieħu l-pulizija fil-konfront tagħhom*" (fol 63).

**6.** Għalkemm il-vettura ġiet hekk rilaxxjata u ingħatat fil-pussess tar-rikorrent, huwa ma setgħax jagħmel użu minnha peress li l-Awtoritá dwar

it-Transport u l-intimat naqsu milli jirreġistraw u jilliċenzjaw l-istess (ara premessa numru 2 u 3 a' fol 1). Ir-raġuni għal dan kif mogħtija mill-intimat kienet minħabba li kienu għaddejjin investigazzjonijiet mill-Pulizija fuq suspett li dawn it-tlett vetturi kienu misruqa għaliex kienu kważi ġodda u kellhom low mileage (ara affidavit John Ellul a' fol 36 paragrafu 2 u xhieda Spettur Stephen Mallia a' fol 72).

**7.** Din is-sitwazzjoni baqgħet tippersisti għal tlett snin sakemm fit-18 ta' Frar 2009 l-uffiċjali tal-Fraud Squad tad-Dwana elevaw il-vettura mill-garage tar-rikorrent fi 22, Triq il-Ħarrigiet, Mqabba (ara vehicle withdrawal form a' fol 44, ara wkoll affidavit John Ellul a' fol 37).

**8.** Xahrejn wara, preċiżament fit-3 ta' April 2009, l-intimat ħareġ in-nota ta' qbid in kwistjoni bin-numru 43/2009 (a' fol 4). F'din in-nota ġie dikjarat taħt "Tagħrif qasir għaliex sar il-Qbid" li l-Vettura ġiet impurtata jew imdaħħla "Bi ksur ta' l-artikolu 60(b) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, tal-Liġijiet ta' Malta."

## Punti ta' Liġi

**9.** B'din l-azzjoni ir-rikorrent, bħala sid tal-vettura Toyota Hilux VIN:PN133JV2508002369, qiegħed jitlob dikjarazzjoni li n-nota ta' qbid numru 43/2009 inħarġet illegalment, inġustament, in mala fede, b'mod mhux raġjonevoli, b'mod arbitrarju, u mingħajr ġustifikazzjoni legali effettiva fil-konfront tar-rikorrent u bi ksur tal-artikolu 72 tal-Kap. 37 u

għandha tiġi rrevokata bil-konsegwenza li l-intimat jirrilaxxja l-istess vettura.

**10.** Huwa evidenti għalhekk li b'din il-proċedura, ir-rikorrent qed jattakka n-nota ta' qbid li ġiet magħmula ai termini tal-artikolu 72 tal-Kap. 37 bil-mezz tal-proċedura stabbilita fl-istess artikolu. Dan l-artikolu jagħti lil kull min ikun sid tal-oġġett maqbud mill-Kummissarju tat-Taxxi r-rimedju speċjali li javżah bil-miktub fi żmien tletin jum mill-qbid, li f'dan il-każ seħħ fit-3 ta' April 2009, li hu jitlob lura l-ħwejjeġ maqbuda jew li huwa beħsiebu jitlobhom lura. Dan l-avviż sar permezz ta' ittra uffiċjali preżentata fl-14 t'April 2009 (a' fol 6) segwita bil-kawża odjerna skont il-proċedura stabbilita fl-artikolu 73.

**11.** Fis-Sentenza **Priscilla Cassar -vs- Il-Kontrollur tad-Dwana** mogħtija fid-29 ta' Jannar 2010, il-Qorti tal-Appell spjegat li "Dak li trid tara l-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa li teżamina ċ-ċirkostanzi tal-każ fid-dawl tal-liġijiet doganali applikabbli u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jieħu "lura l-ħwejjeg hekk konfiskati". ... **<u>Id-dmir tal-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta' Qbid maħruġa mill-intimat ... iżda li teżamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid u għalhekk jekk il-qbid tal-oġġetti relattivi kienx legalment ġustifikat</u>**." (emfażi u sottolinear tal-Qorti).

**12.** Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet legali appena ċitati, l-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tar-rikorrent. Dan peress li f'din il-proċedura stabbilita fl-artikoli preċitati, l-Qorti li trid tara huwa jekk l-attur huwiex intitolat li jieħu lura l-ħwejjeġ hekk konfiskati.

__**Konsiderazzjonijiet**__

**13.** Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet legali fuq magħmula din il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis jekk il-vettura in kwistjoni tikklassifikax bħala oġġett projbit fit-termini tal-artikolu 60(1)(b) tal-Kap. 37 u għalhekk suġġetta għal konfiska li saret fid-dawl tan-nota ta' qbid numru 43/2009.

**14.** Mill-atti joħroġ ċar li r-rikorrent mexa perfettament in linea mal-liġijiet doganali applikabbli billi pproduċa d-dokumenti mitluba minnu u ħallas l-garanzija mitluba kif ukoll id-dazju u l-VAT (ara xhieda Brian Farrugia a' fol 59 u 60 u kontro-eżami ta' Frank Tartaglia a' fol 116 u 117).

**15.** Jirriżulta mill-affidavit ta' Frank Tartaglia (a' fol 92) li l-unika nuqqas tar-rikorrent huwa li ma ppreżentax xi dokumentazzjoni ulterjuri li l-intimat talbu jipproduċi sabiex jissostanzja l-valur kif xtara. Mill-kontro-eżami ta' Frank Tartaglia (a' fol 119 u 120) joħroġ iżda li din it-talba ma saritx b'mod formali iżda biss verbalment lil wieħed mis-sidien tat-tlett vetturi. Is-Sur Tartaglia ma setax jidentifika b'ċertezza dan il-wieħed min kien:

"**Dr. Beppe Fenech Adami:** It-talba li qed tgħid verbali allura taf lil min saret?

**Xhud:** Ma niftakarx, ma nafhomx bl-amment lil aħwa jiena, looking mingħalija wieħed bil-mustaċċi, mingħalija Joe ma nafx jekk hemmx xi ħadd minnhom Joe ħa nara għax ma nafhomx, John, John naħseb" (ara fol 119).

**16.** Apparti min hekk dokumentazzjoni ulterjuri m'għandha x'taqsam xejn mal-investigazzjonijiet fuq il-vettura tal-attur li kienu qed isiru mill-Pulizija . F'dan ir-rigward is-segwenti xhieda ghadha rilevanza:

***" Dr. Beppe Fenech Adami:*** *Intom min-naħa tad-dwana rriżultalkom xi ħaġa il-kelma bl-ingliż sinister dwar il-karozzi?*

***Xhud:*** *Le, le normali li nitolbu iżjed dokumenti aħna jiġifieri fil-proċess tagħna jiġjiefieri tax-xogħol normali nitolbuhom iżjed doumenti jiġifieri.*

***Dr. Beppe Fenech Adami:*** *Jiġifieri mhux għax kien hemm għorkitkom għajnejkom fuq dan il-każ?*

***Xhud:*** *Xejn partikolari le, as such le. Kif għidt diġa' peress li kienu karozzi għadhom ġodda għal Malta u ġejjin mhux mixtrijin mingħand id-ditta, mingħand il-manifatturier nitolbuhom iżjed dokumenti."* (fol 121)

**17.** Minn dan din il-Qorti hija konvinta li r-rikorrent akkwista l-vettura in kwistjoni in buona fede. Ġie ritenut iżda li *"Ladarba l-proċedura ta'*

*konfiska hija waħda in rem, l-buona fede tar-rikorrent appellant, ma taffettwax il-validità tal-procedura ta' konfiska, u jekk l-oġġett konfiskat ikun jinstab li jkun bi ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza tad-Dwana [f'dan il-każ l-artikolu 60(b) tal-Kap. 37], id-Direttur appellat kellu s-setgħa li jikkonfiskaha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2003, fil-kawza fl-ismijiet* ***Cara Limited v. Kontrollur tad-Dwana).****"* (**Richard Darmanin vs. Kontrollur tad-Dwana illum Direttur Ġenerali Dwana**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Jannar 2019; ara wkoll f'dan is-sens il-ħames eċċezzjoni tal-intimat a' fol 11).

**18.** Madanakollu, fis-sentenza **Priscilla Cassar -vs- Il-Kontrollur tad-Dwana** supra, l-Qorti tal-Appell irriteniet li fl-eżaminazzjoni ta' jekk effettivament kienx hemm ksur tad-disposizzjoni invokata mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid, f'dan il-każ l-artikolu 60(b) tal-Kap. 37, il-Qorti għandha essenzjalment tikkonsidra l-komportament tal-allegat vjolatur:

*"Il-qrati jridu jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ sabiex jiddeċiedu kienx hemm ksur tar-regolamenti,* ***u m'għandhomx japplikaw l-istess b'mod robotiku mingħajr ma jqisu l-komportament ta' dak li jkun****.* ***Biex wieħed jiddeċiedi jekk ġewx vjolati jew le d-disposizzjonijiet tal-liġi, irid jitqies l-aġir tal-allegat vjolatur****, tant li din il-Qorti fil-kawża* ***Camilleri v. Kontrollur tad-Dwana****, deċiza fit-13 ta' Mejju 1985, kienet osservat li l-konfiska ma toperax f'każ ta' negliġenza jew żball ġenwin, u* ***li hemm bżonn l-element intenzjonali biex topera l-konfiska.*** *Fil-fatt, l-*

*Artikolu 61 tal-imsemmija Ordinanza, li titkellem fuq konfiska f'każ li tkun tirriżulta diskrepanzi fil-kwantita` tal-oġġetti importati, jew fil-valur tal-istess, fis-sub-artikolu (2) jipprovdi li m'għandux ikun hemm din il-konfiska jekk ikun jirriżulta li "d-diskrepanza tkun ġiet minħabba fi żball genwin." Biex jigi konstatat jekk kienx hemm "zball genwin", trid issir analiżi tal-kompartament kollu tal-importatur, biex il-Qorti tkun tista' tara jekk, fil-fatt, l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-liġi kienx wieħed intenzjonali jew le."* (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

**19.** Din il-Qorti taqbel perfettament ma dak ritenut mill-Qorti tal-Appell f'din is-Sentenza. Li l-komportament tal-allegat vjolatur għandu jiġi kkunsidrat mill-ottika legali ta' jekk hemmx ksur fil-liġi doganali kif invokata mill-intimat. Irid jiġi eżaminat mhux biss dak rifless fl-artikolu 61 tal-Kap 37 imsemmi fis-Sentenza ċitata iżda wkoll dak li jiddisponi l-artikolu 62 tal-istess Kap 37 tal-liġijiet ta' Mlata.

**20.** Is-sub-inċiż (a) ta' dan l-artikolu 62 fil-fatt jirrendi passibbli lil min jimporta jew idaħħal f'Malta oġġetti pprojbiti għall-proċeduri penali li jimportaw piena ta' multa jew għall-multa u priġunerija flimkien. Allura jekk skont l-intimat, ir-rikorrent importa oġġett ipprojbit bi ksur tal-artikolu 60(1)(b) tal-Kap 37, dan kellu jitressaq il-Qorti minħabba ksur tal-Ordinanza tad-Dwana taħt l-artikolu 62(a). Minn dan kollu ma ġara xejn u dan peress ma rrisultax li r-rikorrent mexa b'mod frawdolenti. Anzi jidher li kien konformi mal-liġijiet doganali. Dan iwassal għal konklużjoni li

sabiex vettura misruqa titqies oġġett ipprojbit li għandu jkun soggett għall-konfiska fit-termini tal-artikolu 60(1)(b), l-aġir tal-allegat vjolatur, f'dan il-każ ir-rikorrent, irid ikun wieħed in kontravenzjoni tal-Ordinanza.

**21.** Jirriżulta mill-provi li r-rikorrent ma kiser l-ebda dispożizzjoni doganali tant li, kif joħroġ mix-xhieda ta' Brian Farrugia, permezz ta' ittra datata 9 ta' Novembru 2006, il-Pulizija ddikjarat "... *li m'hemmx foul play, il-pulizija qed jgħidulna li waqt l-inspection li għamlu fuq dawn it-tlett vetturi ma sabu l-ebda tempering ... qegħdin jgħidu illi huma waqt li kellhom meeting mad-direttorat u li ġew importati dawn it-tlett vetturi ma sabu l-ebda tempering fihom minn naħa tagħhom u ma hemm l-ebda criminal liability li tista' tieħu l-pulizija fil-konfront tagħhom*" (fol 63).

**22.** In konformitá ma' dak li ingħad li ġie dikjarat f'din l-ittra, l-Ispettur Stephen Mallia fix-xhieda tiegħu (a' fol 73) jistqarr is-segwenti:

"*Issa, rigward l-importaturi, jiena kont investigajthom, kont ħadtilhom diversi stqarrijiet però waħda kien irriżultali li fil-fatt ma daħlux mil-pajjiż li huwa rapportati misruqin iżda kienu deħlin minn Dubai li huwa allura pajjiż differenti.* ***U fl-ebda stadju lili ma rriżultali mill-istqarrijiet li ħadtilhom li dawn kienu jafu li kienu misruqin.*** *Jekk nitkellmu fuq il-prezzijiet, għalkemm irrid nagħmel naturalment referenza, però l-prezzijiet huma kompetittivi ħafna fis-suq tal-vetturi 2nd hand u huwa diffiċli għall-pulizija biex tasal għax-xjenza minħabba l-prezz"* (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

**23.** Hija l-fehma ta' din il-Qorti għalhekk, li ladarba r-rikorrent ma kiser l-ebda dispożizzjoni doganali, l-Kontrollur ma setgħax jaqbad il-vettura u jqiegħda taħt il-kustodja tiegħu fuq sempliċi senjalazzjoni mill-Interpol ta' Kuala Lumpur li din ġiet misruqa mill-Malasja (a' fol 74 ). L-Ordinanza tad-Dwana imkien ma tagħti l-fakultá lill-intimat li jirrikorri għal dak it-tip ta' rimedju meta r-rikorrent qua importatur ma jkun kiser l-ebda dispożizzjoni doganali. L-Ispettur stess jirrikonoxxi dan meta fix-xhieda tiegħu jispjega x'għamel wara s-senjalazzjoni mill-Interpol Malajsjana li din il-vettura kienet insterqet minn hemm:

*"**Xhud:** ...Imbagħad kienu fl-istess korrispondenza, qed jgħidulna: Grateful if you could kindly let us know the proceedings to bring the stolen vehicles back to our country and to hand it over to the rightful owners.*

***Dr. Beppe Fenech Adami:** U int wara dak inhar, x'kont għamilt?*

***Xhud:** Naturalment aħna nkunu bqajna għaddejin b'dawn id-diskussjonijiet magħhom, kollna nfurmajnihom wkoll li in vista l-vetturi ma kunux ġew mill-pajjiż dirett illi lanqas kienu fil-pussess tal-pulizija għaliex dawn qatt m'erfajnihom bħala pulizija u **anke minħabba li aħna ma stajniex insibu criminal liability fil-konfront tal-impurtaturi allura dan għalina kien sa ċertu punt każ ċivili u jekk riedu setgħu huma jfittxu l-min esporthom minn ġo Dubai jew inkella l-esportaturi stess Maltin**" (fol 78) (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).*

**24.** Il-Qorti żżid tgħid, li l-Ordinanza tad-Dwana mhux talli ma tagħti l-ebda fakultá lill-Kontrollur li jaqbad il-vettura , iżda talli tipprekludih milli jagħmel dan fi stadju fejn, bħal dan il-każ, l-importazzjoni kienet ġiet milqugħa bir-rilaxx tal-vettura f'idejn l-attur. Tabilħaqq, ladarba il-vettura kienet ġiet rilaxxjata, l-vettura ma setgħetx tiġi pprivata mir-reġistrazzjoni u l-liċenzjar. Wisq iżjed ma seta l-Kontrollur jaqbad il-vettura mingħajr mandat taħt il-firma tal-Avukat Ġenerali jew tal-Maġistrat hekk kif impost fl-artikolu 71 tal-Kap 37 tal-ligijiet ta' Malta . Bil-fatt li l-Kontrollur aġixxa mingħajr l-awtorizzazzjoni rikjesta fl-artikolu msemmi, l-qbid minnu tal-vettura mhux biss ma huwiex ġustifikat iżda huwa wkoll wieħed illegali. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota ukoll li r-raġuni mogħtija għall-qbid hija għal kollox ġenerika u vaga. Il-Qorti temmen li din għandha tkun aktar speċifka u dan sabiex tqiegħed lill-individwu f'posizzjoni li jkun jista' jirregola ruhu tajjeb skont il-liġi.

*Danni*

**25.** Din il-Qorti issa sejra tikkunsidra t-talbiet rikorrenti għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni fid-dawl tal-aħħar eċċezzjoni numru 7 tal-intimat (a fol 12). L-eċċezzjoni hija fis-sens li *'kwalunkwe talba għal danni kontra għemil amministrattiv, nkluż din, trid tkun deċiża fid-dawl tal-artikolu 469A tal-Kap. 12'*.

**26.** Din l-eċċezzjoni diġa ġiet metikolożament trattata mil**l-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-sentenza Cutrans**

**Limited vs Kontrollur tad-Dwana mogħtija fis-16 ta' Mejju 2002** bil-mod kif ġej:

"*Illi l-Qorti, wara li fliet l-azzjoni mibdija, u qisitha fid-dawl tal-artikoli relattivi tal-Kap 37 u tal-artikolu 469A tal-Kap 12, issib li l-eċċezzjoni preliminari għandha mis-sewwa;*

*Illi skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, hemm dak li jgħid li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, min jagħmel il-kawża jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni mġarrba liema talba tkun imsejsa fuq ir-responsabbilta' allegata tal-awtorita' pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv (Art 469A(5) tal-Kap 12).* ***Il-kliem tal-liġi juri bla xkiel ta' xejn li, sabiex jista' wieħed jitlob il-ħlas tad-danni, il-kawża jeħtieġ li "ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu". Ir-rikors tal-lum sar taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap 37 u mhux taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12. Huwa minnu li, kif ġie għadd ta' drabi deċiż, fl-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrativa jistgħu jsiru azzjonijiet li jinkludu dik ta' likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' danni, imma biex dan iseħħ, dejjem jibqa' l-fatt li l-azzjoni ewlenija tkun dik li tiddikjara l-azzjoni jew għamil amministrativ bħala ma jiswiex, jiġifieri null****; ...*

*Illi l-azzjoni rikorrenti nbdiet wara li, skond ma jingħad fil-premessi tar-rikors, il-kumpannija rikorrenti għarrfet lill-intimat li hija kienet qegħda*

*titolbu jeħles it-trakk tagħha minn taħt l-awtorita' u li, fin-nuqqas, kienet qegħda tirriserva kull jedd mogħti lilha taħt l-artikolu 73 tal-Kap 37 "għad-danni". ... l-artikolu 73 ma jagħmel l-ebda riferenza għal xi likwidazzjoni ta' danni fil-proċedura speċjali maħsuba skond dik il-liġi speċjali;*

*Illi dan kollu juri, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, li l-azzjoni rikorrenti setgħet timmira biss għar-rilaxx minn idejn l-intimat tat-trakk maqbud minnu, u dan wara li l-Qorti tkun soddisfatta li għandha tordna tali ħelsien. Taħt din il-proċedura speċjali, r-rikorrent ma għandux jitħalla jressaq azzjoni oħra li l-liġi tħares b'mod u b'regoli speċjali;*" (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

**27.** F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jiddisponi artiklu 74 tal-Kap 37 tal-liġijiet ta' Malta. Din il-liġi tammetti xi xorta ta' kumpens u tipprovdi speċifikament għar-riparazzjoni għall-ħsara li jkun sofra l-individwu. Dan pero' irid isir fuq talba tal-individwu u skont il-proċedura stabbilita f'dan l-artiklu. Dan huwa għalhekk indikattiv li sa fejn jirrigwarda t-talba għad-danni, fid-dawl ta' dak li jipprovdi artiklu 74(3) tal-istess liġi, din ma tistax issir f'dawn il-proċeduri salv għal kull rimedju ieħor li l-individwu jista' jkollu skont il-liġi jekk ikun il-każ.

**28.** Għal dawn l-istess raġunijiet hekk senjalati fis-sentenza ċitata il-Qorti sejra tqis l-aħħar eċċezzjoni tal-intimat bħala waħda mistħoqqa u sejra tilqagħha.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba** rikorrenti u tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju rigward l-istess għaliex din ma tinkwadrax ruħha fl-ambitu tar-rimedju pprovdut bl-artikoli 72 u 73 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tilqa' t-tieni talba** rikorrenti u **tordna** lill-intimat sabiex jirrilaxxja b'effett immedjat il-vettura tal-marka Toyota Hilux VIN:PN133JV2508002369 a favur tar-rikorrenti.

**Tilqa' s-sebgħa eċċezzjoni tal-intimat** u konsegwentement **tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet, raba u ħames talbiet** rikorrenti u tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju dwar l-istess.

Fiċ-ċirkostanzi spejjeż tal-kawża, inkluż tal-ittra uffiċċjali tal-14 t'April 2009, għandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**